

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

19.5.2008

0046/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Jean Louis Cottigny, Pierre Pribetich, Michel Rocard, Bronisław Geremek et Daniel Cohn-Bendit

dwar “software ħieles”

Data ta' skadenza: 25.9.2008

0046/2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar "software ħieles"**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-differenzi dejjem jiżdiedu ta' aċċess għal teknoloġiji ta' l-informazzjoni ġodda u tal-komunikazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, riflessi bit-twaqqif ta' qasma diġitali, kawża għdida ta' differenza soċjali li tikkontribwixxi fl-esklużjoni ta' popolazzjoni li diġà hija fraġli,
- B. billi dawn it-teknoloġiji godda saru għodda essenzjali f'oqsma varji bħall-impjiegi, it-taħriġ, l-informazzjoni, eċċ.,
- C. billi ċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt fundamentali li jaċċedu mingħajr ostakolu d-dokumenti u l-informazzjoni ġejjin mill-istituzzjonijiet li jirrappreżentawhom,
- D. billi sakemm l-użu tas-"software ħieles" jidher bħala wieħed mill-mezzi effiċjenti għat-tnaqqis ta' din il-qasma diġitali u li din is-soluzzjoni stabbilita minn ċerti Stati Membri fi ħdan l-amministrazzjonijiet tagħhom jipproduċu r-riżultati konvinċenti,
- 1. jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tiegħu l-miżuri meħtieġa bl-iskop li tgħin il-finanzjament tar-riċerka pubblika fil-qasam tas-software ħieles;
- 2. jitlob lill-Parlament biex iressaq in-netwerk informatiku tiegħu kollu lejn dan it-tip ta' software;
- 3. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni preżenti, flimkien ma' l-isem tal-firmatarji, lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jagħtu appoġġ għal dan l-approċċ.